TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 25/11

**Doyle Anthony Abela**

**vs**

**Telecom**

Illum 27 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' sitt mija, u sitta u tletin ewro (€636), rappreżentanti prezz ta' *mobile phone* Nokia N900 li kellu diversi ħsarat.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda m'attendiex għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara *mobile phone* għal prezz ta' sitt mija, u sitta u tletin ewro (€636) mingħand is-soċjeta' intimata u kien jagħtih diversi problemi, u minkejja li ħadu għat-tiswija, xorta baqa' bl-istess problemi.

L-intimat issottometta bil-miktub illi għamel minn kollox sabiex jipprova jaqdih u anke offrielu *mobile phone* ġdid, pero' mat-tielet tiswija r-rikorrenti ma riedx jistenna iktar.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi prezz għoli ta' sitt mija, u sitta u tletin ewro (€636) ta' *mobile phone,* m'għandux għalfejn ikollu daqshekk problemi u taqtigħ ta' qalb sabiex jew jissewwa jew jingħata wieħed ġdid.

It-Tribunal jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli u aċċettabli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' ħames mija u ħamsin ewro (€550), b'dan illi l-*mobile phone* jiġi propjeta' tas-soċjeta intimata wara li jsir il-ħlas u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE (+356) 21227070 FAX: (+356) 21230888